**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Tabone)**
**Vs**
**Stefania Mifsud**

**Kumpilazzjoni numru 991/2023**

**Illum 7 ta' Marzu 2024**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront:

Stefania Mifsud ta' 40 sena, bint Benedict Mizzi u Emanuela nee' Ellul, mwielda nhar l-10 ta' Ġunju 1983, residenti ġewwa 159, St Joseph, Triq Bugharbiel, Żejtun detentur tal-karta ta' l-identita' 310883M;

Billi akkużata talli bejn Ottubru 2021 u Novembru 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati waħda setghet tirċievi bihom ħlas, jew ħadet l-kunsinna ta' oġġetti, jew ġabret depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamlet użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqet pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli, għamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz.

6. U aktar talli sabiex kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex ġegħlet jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet oħra, għamlet qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000);

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar il-25 ta' Jannar, 2024, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk trid terġa' lura minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fatt li wriet kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali tagħha u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ senjatament il-fatt li l-imputata bdiet tħallas lura lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u llum il-ġurnata intlaħaq ftehim mad-Dipartiment sabiex isir riżarċiment totali tar-res furtiva.[1]

Ġie kunsidrat li l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u seba' (7) huma imputazzjonijiet alternattivi għall-imputazzjonijiet numru tnejn (2), erba' (4) u sitta (6) rispettivament.

[1] €12,598.81

Konsegwentement il-Qorti qed tastjeni mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u seba' (7).

Illi l-imputazzjonijiet numru tnejn (2) erba' (4), ħamsa (5) u tmienja (8) servew bħala mezz ai fini għas-sitt (6) imputazzjoni.

Ġie kunsidrat ukoll li l-ammont tar-*res furtiva* ma kienx wieħed diskret; l-ammont iffrodat hu dak ta' tnax-il elf ħames mija tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€12,598.81).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u seba' (7), issib l-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 167, 169, 183, 184, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannha għal **erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erbgħin (40) xahar mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk matul il-perijodu operattiv tikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-imputata tagħmel kumpens lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ta' dak dovut minnha lill-imsemmi dipartiment skond ir-*repayment programme* preżentat in atti.

Dan l-Ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħal li kieku dan ingħata f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja u d-Dipartiment.

Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**